**KUNSILL LOKALI LIJA**

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA

TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 49 – IL-ĦAMIS 27 TA' NOVEMBRU 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5:30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjura Georgette Borg – Deputy Executive Secretary | |

1. Inqraw il-Minuti tal-Laqgha nr 46 li saret nhar il-Hamis 25 ta' Ottubru 2012. Fuq proposta tas-Sindku Dr Ian Castaldi Paris sekondat mis-Sinjura Magda Magri Naudi, dawn gew approvati unanimament wara li saru xi korrezzjonijiet.

**ARISING**

a. 10.1 Il-kunsilliera s-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq iz-zbir tas-sigra tas-Salvatur il-Qadim.

   10.1a Peress li ngabret kwotazzjoni wahda gie deciz li ser jingabru aktar kwotazzjonijiet biex isir ix-xoghol.

b. 3.2 Il-Vici Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq ir-rampi fi Triq Annibale Preca.

   3.2a Dawn ir-rampi ghandhom jitwalu u jitbaxxew aktar.

   3.2b Ghandu jigi kkuntattjat il-Perit, Is-Sur John Rizzo Naudi biex jerga jkellem lill-Kuntrattur biex dawn jitrangaw.

c. 12.1 Il-Vici Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ser iggib aktar kwotazzjonijiet biex tinxtara photocopier.

2. Inqraw il-Minuti tal-laqgha nr 47 li saret nhar l-Hamis l ta' Novembru 2012. Fuq proposta tas-Sindku Dr Ian Castaldi Paris sekondat mill-Vici Sindku s-Sinjura Magda Magda Naudi, dawn gew approvati unanimament wara li saru xi korrezzjonijiet.

**ARISING**

a. 6.1 Il-Vici Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi u s-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmu fuq it-tender ta' Supply and Installation of Street Furniture.

   6.1a Huma evalwaw dawn it-tenders bir-reqqa u gie deciz li tinzamm l-istess struttura tal-lanterns eziztenti.

b. 10.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet dwar l-attivita li ser issir ghat-tfal fiz-zmien il-Milied dik tas-'Cinema Day'.

   10.2a Din ser issir nhar il-Hamis 27 ta' Dicembru 2012.

   10.2b Is-Cinema huwa ibbukkjat imma ghad irid jigi deciz x'film ser naraw.

   10.2c Ghandna incemplu fl-ewwel gimgha ta' Dicembru biex niddeciedu fuq dan.

   10.2d Kif ikollna id-dettalji kollha ghandha titlesta cirkulari biex titqassam fir-rahal kollhu.

c. 3.1 Dr Marc Sant tkellem ma’ l-Scheme Unit tad-Dipartiment – Skema ta’ attivitajiet. Peress li dawn il-fondi ma ntuzawx is-sena l-ohra u l-kas huwa genwin, id-Dipartiment ser jaccetta li dawn il-fondi jintuzaw is-sena d-diehla

   3.1a Ghaldaqstant ghanda tinkiteb ittra lill KMS biex nghidulhom.

   3.1b Fuq is-skema ta’ l-Isports Dr Marc Sant u s-Sur Massimo Scerri ser jiltaqghu ma’ l-ghaqdiet ta’ l-isports tar-rahal.

   3.2b Dr Marc Sant staqsa lid-Dipartiment rigward Memo 47/2011 jekk jistawx juzaw il-fondi fuq attivitajiet diversi u d-Dipartiment ta’ l-‘go ahead’

   3.1c Dr Marc Sant qal ukoll li waslet biex tohrog skema ohra ghal din is-sena. Il-kunsill qabel unanimament biex jekk tohrog din l-iskema qabel ma ssir il-laqgha li jmiss tal-Kunsill nipprocedu.

d. Dr Marc Sant staqsa fuq l-applikazzjoni tal-UIF. Peress li l-Perit Sur John Rizzo Naudi ma setax jattendi ghall-laqgha tal-Kunsill huwa baghat b’e-mail spjegazzjoni ta’ din l-applikazzjoni.

e. 5.1 Dr Marc Sant tkellem fuq il-pavimentar fi Triq Preziosi. Huwa qal li dan huwa progett tal-Gvern Centrali u mhux tal-Kunsill.

f. Il-Vici Sindku is-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li pprovat taghmel kuntatt mal-Head Mistress fuq il-Librerija imma dan il-kuntatt ma sarx. Hija qalet li qabel ma’ titkellem, il-Kunsill irid ikollu post alternattiv peress li l-librerija kienet giet devoluta lill Kunsill. Ghalhekk ser tistenna li Direttur tal-libreriji biex jaghtina karma alternattiva.

g. Is-Sinjura Magri Naudi tkellmet fuq l-istat ta Triq Fernand Gregh. Ghandhom jingabru kwotazzjonijiet anke jekk ma ssirx ghalissa. Hija qalet li sqaq fi Triq id-Dejqa u sqaq numru wiehed Fi Triq il-Kuncizzjoni ukoll jinstabu fi stat hazin. Jistghu jintuzaw anke fondi mill-UIF biex isir ir-resurfacing ta’ dawn it-toroq.

h. 8.2 Is-Sinjura Magda Magri Naudi, tkellmet fuq il-yellow lines li saru fi Triq Annibale Preca u l-parir li ta’ l-espert tat-traffiku s-Sur Hugh Arnett.

   8.2a Huwa qal li ghandhom jitnehhew il-yellow lines u nhalluhom vojta. B’hekk dak li jkun la jkun qieghed tostakola u l-anqas jaqla citazzjoni.

i. Is-Sur Massimo Scerri tkellem fuq s-sleeping policeman fi Triq Giovanni Barbara ghax hija gholja. Minhabba f’hekk il-karrozzi qed ihabtu l-qiegh maghha. Din ir-rampa saret bis-supervizjoni tal-Perit ghalhekk ghandna nitkellmu mal-Perit s-Sur John Rizzo Naudi b’mod urgenti u ghandu jara li titranga sewwa.

Inqraw il-Minuti nr 48 tal-laqgha b’urgenza li saret nhar il-Hamis 22 ta’ Novembru 2012. Fuq proposta tal-Vici Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi sekondata mis-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, dawn il-minuti gew approvati unanimament.

## 3.0 TRIQ AGOSTINO PORTELLI

3.1 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris qal li dahlu hafna complaints minghand residenti li joqghodu fl-area Ta' Senna peress li dealers tal-karozzi qed jipparkjaw fit-tela' ta' Triq Agostino Portelli bil-konsegwenza li n-nies iridu jghaddu minn nofs it-triq biex jimxu.

3.2 Is-Sindku qal li Transport Malta tat il-'go ahead' biex isiru passaggi sofor ghas-safety tan-nies.

3.3 Il-Kunsill qabel unanimament biex ghalissa isiru dawn il-linji sofor skond kif gie approvat mis Sinjura Audrey Testaferrata De Noto ta' Transport Malta.

3.4 Dawn ghandhom isiru mill-Koptasin wara li nigbru l-kwotazzjoni.

3.5 Complaints ohra minghand ir-residenti kienu ukoll li l-parking qed jitla' anke in-naha ta' fuq u qed jitolbu li jsiru parking for Residents Only.

3.6 Ser tintbaghat ittra lir-residenti fejn ser nghidulhom li qed nimoniterjaw is-sitwazzjoni.

## 4.0 ATTIVITA PRESEPJU HAJ – KAZIN SOCJETA SANT ANDRIJA

4.1 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris tkellem fuq l-attivita li ser jorganizzaw il-Kazin ta' Sant Andrija bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill dik tal-Presepju Haj.

4.2 Huma qeghdin jitolbu ghajnuna finanzjarja ta' €700 u anke is-servizz tal-Wardens ghal tminn t'ijiem waqt din l-attivita. Is-sena l-ohra is-servizz tal-Wardens kien €294 waqt li din is-sena tela' ghal €694.

4.3 Il-Kunsill qabel unanimament li din l-ghaqda tinghata s-somma ezatt bhas sena l-ohra, dik ta' €700 u €294 ghas servizz tal-Wardens.

## 5.0 GHAQDA FESTI ESTERNI

5.1 Gie approvat unanimament li jinxtraw disa premji ta' presepji ghal kbar u tlett book tokens ghat tfal ghal-kompetizzjoni ghal isbah presepju.

5.2 Gie approvat ukoll unanimament biex tithallas l-applikazzjoni tad-dawl biex tigi imzejna il-Pjazza u Vjal Trasfigurazzjoni.

5.3 Barra minn hekk gie approvat unanimament ukoll li jinghataw is-somma ta' €950 ghall-armar.

**6.0 EMBELLISHMENT TAL-HOUSING ESTATE**

6.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq il-laqgha li hi attendiet mal-Housing Authority fuq l-embellishment tal-Housing Estate

6.2 Hija spjegat kif tahdem din l-iskema.

6.3 Id-Dipartiment tal-Housing ser jaghmel l-embellishment ta' erba' blokkok u li ma jinkludix il-lift u shaft.

6.4 Jekk naccettaw li dawn ser jigu irrangati ma jista' jintalab xejn iktar mill-Awtorita tal-Housing qabel seba snin ohra.

6.5 Bhala Kunsill irridu niltaqghu mar-residenti tal-Housing Estate biex nispjegawlhom din l-iskema. Sadanitant irid jinhatar persuna minn kull blokk biex ikun bhala Amministratur.

6.6 Dan l-Amministratur ser jinghata 'pocket money' biex jaghmel din il-bicca xoghol.

6.7 Hemm zewg options : jew jinhatar Perit mill-Kunsill jew Perit minn tal-Housing li qieghed fuq dan ix-xoghol.

6.8 Il-Housing Authority ser jaghtu ukoll lista ta' kuntratturi lill min qed jisugerixxu huma bhala gwida.

6.9 Jekk ir-residenti mhux ser jibbenefikaw minna din l-iskema, il-flats ma jkunux jistghu johorgu ghal bejgh.

6.10 F'Jannar 2013 ser issir laqgha mid-Dipartiment ghar-residenti u l-amministrattur u minn Marzu l'hemm jinbeda il-process bhal perit, kuntrattur u fis-sajf jinbeda ix-xoghol.

6.11 F'Jannar ser ikun hemm skeda ohra biex jinbeda ix-xoghol fuq barra.

**7.0 KORRISPONDENZA NOVEMBRU 2011 U OTTUBRU 2012**

7.1 Dr Marc Sant pogga fuq il-mejda tal-Kunsill korrispondenza li ghaddiet mill-Kunsill ghand id-Dipartiment fuq il-Hatra tas-Segretarju Ezekuttiv F'Novembru 2011 u talab spjegazzoni.

7.2 Huwa qal li qatt ma kienu ddiskutew dan is-suggett.fil-laqghat tal-Kunsill ta' dak iz-zmien.

7.3 Dawn l-emails qatt ma gew irregistrati fl-incoming correspendence jew fl-outgoing correspondence tal-Kunsill.

7.4 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, qal li bl-ebda mod ma kien jaf b'dawn iz-zewg e-mails li ntbghatu lid-Dipartiment dwar il-processs tas-Segretarju Ezekuttiv f'ismu u jikkundanna lill min abbuza f'din is-sitwazzjoni.

7.5 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris qed jitlob li tintbaghat korrispondenza lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li huwa ma kienx infurmat b'dawn iz-zewg e-mails u bl-ebda mod l-Agent Segretarju Ezekuttiv ma kellu l-jedd jirrispondi f'ismu.

**8.0 LAQGHAT TAT-TRASPORT PUBBLIKU**

8.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet dwar il-laqgha li attendiet fuq it-trasport pubbliku, fejn kien hemm hafna irhula ohra prezenti.

8.2 Kien hemm hafna ilmenti u suggerimenti. Dawn gew irrekordjati kollha u ser jghaddu ghand Transport Malta.

**9.0 INSURANCE POLICY TAL-KUNSILL**

9.1 Is-Sinjura Georgette Borg ressqet fuq il-mejda tlett kwotazzjonijiet ghal-Insurance Policy tal-Kunsill li taghlaq il-Gimgha 30 ta' Novembru 2012

9.2 Dawn kienu – Citadel Insurance (Allcare Brokers) ghal prezz ta' €1352.00

9.3 Middlesea Insurance (Allcare Brokers) ghal prezz ta' €1293.36

9.4 Untours Ltd ghal prezz ta' €1998.00

9.5 Il-Kunsill unanimament approva l-irhas kwotazzjoni dik tal-Middlesea Insurance

9.6 Dr Marc Sant issugerixxa li ser jitkellem ma' xi hadd iehor mill Middlesea Insurance biex ngibu kwotazzjoni ohra. Il-Kunsill unanimament qabel ma din il-proposta u iddecieda li ghandha tintaghzel iktar wahda vantaggjuza.

**10.0 RAPPORT MILL-KUNSILL – RESERVED PARKING**

10.1 Il-Kunsill approva unanimament biex issir 'No Objection' ghal-talba ghar-Reserved Parking tas-Sur Austin Giles li joqghod fi Triq Annibale Preca.

10.2 Ser tinbaghat 'No Objection' lill Transport Malta.

**11.0 REQUEST FOR RESERVED PARKING SPACE GHALL- MGR CHARLES SCICLUNA**

11.1 Is-Sinjura Georgette Borg ressqet request ghall-reserved parking space ghall-Mons. Charles Scicluna li joqghod Triq Annibale Preca.

11.2 Dan ir-request mhux qed isir minn Mons Scicluna nnifsu imma minn resident.

11.3 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tintalab l-approvazzjoni minn-Transport Malta.

**12.0 KORRISPONDENZA NR 2921/12 – PROPOSAL FOR COLLABORATION**

12.1 Is-Sinjura Magda Magri Naudi ressqet korrispondenza bill-proposta.li l-Kunsill ikun l-organizzatur fir-rigward ta' 'Professionals in Pyrotechnics'.

12.2 Hija qalet li dan il-progett ser ikun il-100 'percent funded' ser jinvolvi nies mill-Pyroteknika.

12.3 Il-kunsill unanimament approva biex is-Sinjura Magda Magri Naudi, tkun l-organizzatur ta' dan il-progett f'isem il-Kunsill.

**13.0 REQUEST GHAL YELLOW LINES FI TRIQ SIR UGO MIFSUD U TRIQ SANT ANDRIJA**

13.1 Dawn il-lines diga qeghdin hemm, imma fiz-zewg kazi ir-residenti qed jitolbu biex dawn jitwalu.

13.2 Il-Kunsill unanimament iddecieda li ghandha tintalab l-opinjoni minghand Transport Malta fuq dawn iz-zewg talbiet.

**14.0 XOGHOLIJIET FUQ IL-KAPPELLA TA' SANT ANDRIJA**

14.1 Ghandha tintalab klarifikazzjoni u breakdown tax-xogholijiet minghand Fr David Gauci Kappillan, tax-xogholijiet fuq il-kappella ta' Sant Andrija.

14.2 Is-Sur Massimo Scerri staqsa, peress il-Kappella hija tal-Knisja ghaliex qed jintalab il-Kunsill biex isiru x-xogholijiet?

**15.0 QUOTATION WORKS ORDER – BANKINA ROB MIF BONNICI**

15.1 Is-Sinjura Georgette Borg ressqet kwotazzjoni mill-Public Works ghall-approvazzjoni fuq bankina zghira hdejn il-ground tal-futbol, fi Triq Robert Mifsud Bonnici.

15.2 Il-kunsill unanimament qed japprova din il-kwotazzjoni biex isiru xogholijiet fuq din il-bankina.

## 16.0 REQUEST FOR SIGNAGE

16.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ressqet talba biex issir sign li turi 'Annibale Preca', hdejn il-Kappella tal-Mirakli faccata ta' l-appartamenti

16.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ressqet ukoll talba biex issir is-sign 'Egidio Lapira' fuq in-naha l-ohra tat-triq ghax is-sign li hemm qed titatta minn sigra, ghalhekk ghandha ssir sign ohra

16.3 Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris, ressaq request biex issir sign b'direction ta' 'Valletta' fi Vjal Trasfigurazzjoni.

16.4 Il-Kunsill unanimament qabel li dawn jigu ordnati minghand il-Koptasin.

## 17.0 ILMENT

17.1 Dr Marc Sant ressaq ilment li li fil-plot ma' genb il-Kazin Tal-Labour fi Vjal it-Trasfigurazzjoni qed ikun hemm hafna grieden.

17.2 Il-kunsill qabel li ghandha tinkiteb ittra lis-Sanita biex jitressaq dan l-ilment.

## 18.0 GRAND CULINARY AND CRAFTS FESTIVAL FOR MAJJISTRAL TERRRITORY

18.1 Is-Sinjura Georgette Borg ressqet quddiem il-Kunsill li hidma li kienet saret mill-istaff tal-Kunsill fuq il-Grand Culinary and Crafts Festival ghal Majjistral li ser jitella nhar is-7, 8, 9 ta' Dicembru 2012 fl-MFCC Ta Qali.

18.2 Dan tressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament il-participazzjoni f'dan il-festival u x-xoghol li sar mill-ufficcju tal-Kunsill biex dan seta' jittella. Bhala preparazzjoni ghal dan il-Festival il-Kunsill Intalab jipprepara posters fuq il-Lokalita ta' Hal Lija. .

18.3 Is-Sindku u l-kunsilliera japprezzaw ix-xoghol li sar mill-istaff tal-Kunsill imma xtaqu jaghmlu din l-istqarrija : "Huma jikkundannaw l-e-mail li

ntbaghet mill-ufficcju tal-Kunsill lill MAGF fejn informaw li l-Kunsill ma kellux fondi ghal dan il-progett".

## 19.0 HATRA TA' SEGRETARJU EZEKUTTIV

19.1 Il-Kunsill qed japprova biex jinhatar il-Board halli jinbeda l-process biex jinhatar Segretarju Ezekuttiv.

19.2 Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill kollhu jkun fil-Bord ta' Ghazla. Dan il-Bord ser ikun maghmul mis-Sindku Dr. Ian Castaldi Paris, mill-Vici Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi, is-Sur Massimo Scerri, Dr Marc Sant u s-Sinjorina Lorraine Farrugia.

19.3 Is-Sinjura Georgette Borg ressqet il-procedura ta' kif ghandhu jitkompla l-process. Wara li saret diskussjoni, gie deciz li tissejjah laqgha mad-Direttur tad-Dipartiment tal Kunsilli Lokali biex jigu ccarati xi affarijiet.

## 20.0 AGUDIKAZZJONI TAT-TENDERS – SUPPLY AND INSTALLATION STREET FURNITURE

20.1 Is-Sinjura Magda Magri Naudi, Vici Sindku u s-Sinjorina Lorraine Farrugia, qalu li wara li ezaminaw it-tenders mitfuha, li kienu minghand :

M. Quip Ltd, is-Sur Anton Zarb u J. F. Mallia Ltd.; qed jisugerixxu li ta' J. F. Mallia kienet l-ahjar.

20.2 Huma raw li din it-tender kienet l-iktar wahda vantaggjuza kif ukoll anke kienet l-ahjar bhala materjal li jintuza specjalment ghal bankijiet

20.3 Il-Kunsill unanimament approva li t-tender ta' J.F. Mallia Ltd tigi accetta ghal dan il-progett ta' tisbieh fic-Centru Rekreattiv

20.4 J.F. Mallia Ltd. ghandhom jigu notifikati b'dan filwaqt li ghandha tintbaghat ittra lis-Sur Anton Zarb u M. Quip Ltd. li ma gewx accettati.

20.5 Il-Perit John Rizzo Naudi ser jigi notifikat biex jattendi ghal-laqgha tal-Kunsill li jmiss biex jiddiskuti mal-Kunsill il-kwantitajiet u kemm ser jigu jiswew meta jigi 'replaced' kollox

20.6 Peress li ser jibqa xi fondi mill-UIF wara li jithallas dan il-progett, il-Kunsill unanimament iddecieda li dawn il-fondi jintuzaw fuq Triq id-Dejqa.

**21.0 PPP TOROQ**

21.1 Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris tkellem fuq il-kont pendent li l-Kunsill ghad ghandu mal-Kuntrattur li ghamel ix-xogholijiet tat-Toroq, Polidano Brothers.

21.2 Huwa qal li japprezza li Polidano Brothers accettaw li jhallsu l-penali imma xorta wahda mhux ser jinhareg pagament iehor sakemm il-hsarat kollha jkunu irrangati. Is-Sindku Dr Ian Castaldi Paris staqsa jekk ix-xoghol kienx ta' kwalita tajba.

21.3 Il-Kunsill dahal f'iktar spejjes peress li kellhom isiru r-rampi u dawn xorta ma sarux sewwa. Il-Perit ilu jghid lill Kuntrattur biex dawn jigu rrangati.

21.4 Is-Sur Massimo Scerri qal li ma ghandhomx jinhargu pagamenti sakemm ix-xogholijiet ikunu lesti u l-Perit jiccertifika x-xogholijiet.

21.5 Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris, issugerixxa li ghandu jinhatar Perit indipendenti tat-Toroq biex jiccertifika x-xogholijet. Erba' kunsiliera qablu u astenzjoni wahda (ghalkemm ma ittiehed l'ebda vot).

21.6 Gie deciz li l-Kunsill ghandu jiltaqa' mad-Direttur tad-Dipartiment biex nispjegaw ghaliex mhux ser inhallsu lill Kuntattur ghalissa, u dan sakemm ix-xoghol jitranga kollhu u wara jigi iccertifikat mill-Perit tat-toroq indipendenti.

**22.0 LISTA TA' PAGAMENTI**

22.1 Is-Sinjura Georgette Borg ressqet lista ta' pagamenti ghall approvazzjoni tal-Kunsill.

22.2 Il-pagamenti kollha gew approvati unanimament mill-Kunsill b'eccezzjoni ta' zewg pagamenti nr 5 fuq iil-lista ghall-ammont ta' €134 u nr 48 fuq il-lista ghall-ammont ta' €95.

22.3 Il-Kunsill talab klarifikazzjoni fuq dawn iz-zewg pagamenti

Il-laqgha tal-Kunsill li jmiss ser tkun nhar il-Hamis 27 ta' Dicembru 2012 fil-5.30p.m.

Il-laqgha intemmet fis 9.00p.m.

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Georgette Borg |
| Is-Sindku | Deputat Segretarju Ezekuttiv |